MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 37/2012/1

**IginoTrapani Galea Feriol f'ismu personalment u f'isem ohtu assenti Marlene mart Edgar Huber, Dorothy Trapani Galea, il-Perit Nicholas Bianchi, Andre` Bianchi, Anne Marie mart Dr. Anton Tabone, Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-intimati minn sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrenti billi: [i] sabet li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet fil-konfront tal-binja u tal-gnien meritu tal-kawza odjerna jivvjola l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni]; [ii] ordnat lill-istess Kummissarju intimat sabiex fi zmien erba' xhur jara' li tigi espproprijata l-art kollha tar-rikorrenti fl-inhawi ta' Triq Alfons Maria Galea, Birzebbugia b'titolu ta' xiri assolut u jibda l-process ghall-hlas tal-kumpens adegwat u gust; u [iii] tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) bhala kumpens ghall-oltragg li garrbu r-rikorrenti bl-agir tal-Kummissarju intimat, bl-ispejjez kollha jithallsu in solidum mill-intimati.

**2.** L-intimati appellaw minn din id-decizjoni u, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-rikors tal-appell taghhom, talbu r-revoka tas-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

**3.** Ir-rikorrenti min-naha taghhom talbu li, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposta taghhom, l-appell jigi michud, bl-ispejjez.

**Is-Sentenza Appellata**

**4.** Il-parti relevanti tas-sentenza appellata li tispjega l-fatti u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tasal ghad-decizjoni taghha taqra hekk:

> "Illi jirrizulta li f'Awwissu tal-1973, il-Gvern kien esproprja taht titolu ta' pussess u uzu l-fond numru 1, gewwa Triq Alfons Maria Galea, Birzebbuga. Dan il-fond kellu gnien mieghu u l-iskop indikat kien "slum clearance" peress illi l-fond kien jidher li kien fi stat dilapitat u mhux abitabbli. Id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Ottubru 1973. Id-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici okkupa l-proprjeta' in kwistjoni fid-9 ta' Novembru 1973. Fit-22 ta' Jannar 1974 intbaghtet ittra lir-rikorrent Igino Trapani Galea Feriol fejn dan gie nfurmat bl-esproprjazzjoni u gie mitlub jghaddi lid-dipartiment l-informazzjoni mehtiega sabiex ikun jista' jigi konkluz il-process ta' esproprju. Qabel ma l-art giet esproprjata, ir-rikorrenti kienu applikaw u inghataw permess mill-Planning Area Permits Board (datat 24 ta' Awwissu 1966) biex iwaqqghu l-fond u jibnu zewg fondi ohra u boathouses.
>
> "B'ittra tat-8 ta' Dicembru 1977, id-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici baghat jinforma lill-Kummissarju tal-Artijiet, ghal darba ohra, li hu kien okkupa l-art

espropprjata, pero', fit-30 ta' April 1974. Wara dan, ghal zmien twil ma sar xejn, hlief li fl-2005, id-direttur generali tad-dipartiment tal-artijiet irregistra minuta li t-titolu kellu jinqeleb ghal wiehed ta' dominju pubbliku. F'Novembru tal-2009, id-dipartiment rega' kkomunika mar-rikorrent Igino Trapani Galea Feriol u rega' talbu informazzjoni fuq il-proprjeta'. Bdiet tigi skambjata korrispondenza, u fi Frar tal-2011, ir-rikorrenti indikaw lid-dipartiment li d-dokumenti ufficjali kienu juru li kien sar esproprju tad-dar biss, u mhux ukoll tal-gnien anness. Fil-fatt, gie indikat li l-art kollha kellha qies ta' 543 metri kwadri, fil-waqt li fil-Gazzetta tal-Gvern, ir-referenza kienet biss ghall-fond li kellu qies ta' 136 metri kwadri; ir-rikorrenti talbu li l-art kollha kellha tittiehed u li jigu kkumpensati tas-sit kollu. Id-dipartiment baqa' jirreferi ghall-esproprju kif sehh fl-1973 u talab prova tat-titolu. Fil-frattemp, pero', il-Gvern kien ha pussess tal-area kollha in kwistjoni, inkluz il-gnien proprjeta' tar-rikorrenti u kkonverta s-sit fi gnien pubbliku. Biex ghamel hekk il-Gvern waqqa' l-fond li kien hemm fuq is-sit, okkupa l-art tal-fond u l-gnien li kellu mieghu, okkupa wkoll bicca art zghira li ma tirrizultax ta' min hi u kkonverta s-sit kollu, li allura gie li kellu forma triangolari, fi gnien pubbliku. Dwar il-gnien tar-rikorrenti, li kien anness mad-dar ma sar xejn mill-gvern, pero', giet okkupata u inkorporata fil-gnien pubbliku li ghamel il-Gvern. Il-hsieb tal-Gvern hu li s-sit jibqa' gnien pubbliku.

"Ikkunsidrat;

"Hu car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-Kummissarju tal-Art ma mexiex bil-galbu mistenni minnu biex jara li dan il-process ta' esproprju jigi konkluz a sodisfazzjon tar-rikorrenti u fi zmien qasir u ragjonevoli. Il-proprjeta' ttiehdet fl-1973 u sal-lum, <u>erbghin sena wara</u>, il-kaz ghadu mhux maghluq. Il-ligi trid li l-materja ta' espropprjazzjoni tigi fi tmiemha fi zmien ragjonevolment qasir, u wara dan it-tul ta' zmien kollu, b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma' dan it-trapass taz-zmien jista' jitqies bhala wiehed ragjonevolment qasir. Biex tkompli titgharraq is-sitwazzjoni, jirrizulta li l-gvern ha b'esproprju d-dar in kwistjoni, izda mhux ukoll il-gnien li kien anness mieghu; dan nonostante, okkupa l-fond, il-gnien u bicca art ohra (li ma jirrizultax car jekk hijiex tal-Gvern jew ta' terzi) u kkonverta kollox fi gnien pubbliku. Mhemmx kwistjoni li l-iskop tal-espropprjazzjoni u okkupazzjoni huwa wiehed fl-interess pubbliku, pero', (i) darba l-fond twaqqa' u s-sit gie konvertit fi gnien, il-pussess tal-gvern ma kellux jibqa' taht titolu ta' pussess u uzu, izda kollu jittiehed b'titolu ta' dominju pubbliku jew l-art tinxtara; (ii) l-art tar-rikorrenti li qabel kienet gnien kellha tigi wkoll espropprjata; u (iii) il-process kollu jinghalaq fi zmien qasir bil-hlas ta' kumpens gust u adegwat. Minn dan kollu l-gvern ma ghamel xejn: is-sit in kwistjoni kkonvertih fi gnien pubbliku, izda halla lis-sidien imdendlin dan iz-zmien kollu u bla kumpens.

"L-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) jaghti d-dritt lill-Gvern li jista' jiehu minghand il-privat proprjeta' b'mod obbligatorju kemm b'akkwist dirett, kif ukoll b'titolu ta' pussess u uzu u b'titolu ta' dirett dominju. Fil-kaz tal-ahhar zewg titoli, il-Gvern ikun obbligat li jhallas, bhala kumpens, lis-sid li jkun gie esproprjat somma fis-sena u mhux il-hlas ta' somma ekwivalenti ghall-valur tal-immobbli li jkun ittiehed bhal meta t-titolu, li bih ikun gie akkwistat il-fond, ikun b'xiri assolut. Il-Qorti jidhrilha li meta jigi esproprjat fond biex sussegwentement jitwaqqa' u minfloku ssir triq jew anke sabiex minfloku jinbena gnien pubbliku, l-esproprju ghandu jkun b'titolu ta' xiri assolut. Meta jitwaqqa' l-fond esproprjat u minfloku jsir gnien, tispicca l-possibilita' li dan il-fond jista' xi darba jerga' jinghata lura lis-sid. Jekk tinghata somma fis-sena, din qatt ma tista' titqies li hi kumpens xieraq b'mod specjali meta, bhal fil-kaz in ezami, jinghataw ftit euro fis-sena. Il-fond esproprjat gie mwaqqa' u ghalhekk, jista' facilment jinghad, li l-istess fond ittiehed b'mod permanenti mill-pussess tar-rikorrenti u kwindi ma jistax jitqies, semplicement, li l-Istat, f'dan il-kaz, kien qed jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta'. Anke kieku l-hlas annwali offert jigi kapitalizzat bl-aktar mod vantaggjuz, il-kumpens moghti ma jista' qatt jigi kkunsidrat bhala wiehed adegwat.

"Meta l-immobbli esproprjat jigi distrutt kumpens fil-forma ta' hlas ta' somma zghira annwalment ma jistax jitqies li hu bizzejjed sabiex jintlahaq il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tal-Istat u dawk tal-individwu. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll anness mal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, irid li meta l-Gvern jiehu proprjeta' tal-privat ghal skop pubbliku, irid jara li jinholoq bilanc bejn l-interessi generali tal-istat u l-interessi tal-privat, u dan billi lill-privat jithallas kumpens xieraq u adegwat. Darba stabbilit li t-tehid tal-proprjeta' tar-rikorrenti sar skont il-ligi u fl-interess pubbliku, huwa ormai stabbilit li l-kumpens xieraq li jinghata ghal tali tehid jista' jkun anqas mill-prezz li dik il-proprjeta' tista' ggib fis-suq liberu (ara "Schembri v Malta", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Settembru 2010), pero', il-process irid jimxi b'pass li jwassal ghat-tmiem tieghu mill-aktar fis possibli.

"Hu veru li ai termini tal-artikolu 19(1) tal-imsemmi Kap. 88, ir-rikorrenti setghu jitolbu lill-awtorita' kompetenti, darba li jghaddu 10 snin mit-tehid tal-proprjeta' b'titolu ta' pussess u uzu, tirregola s-sitwazzjoni tat-titolu taghha, pero', darba l-fond esproprjat twaqqa' u l-area kollha saret gnien pubbliku, il-gvern kellu hu stess jirregola l-pozizzjoni billi jipprovdi kif elenkat aktar qabel din il-Qorti f'din is-sentenza. Hu veru wkoll li r-rikorrenti setghu agixxew qabel biex jaraw li l-interessi taghhom jigu saldati fi zmien qasir. Ghal din is-sottomissjoni, din il-

Qorti taghmel referenza ghal dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Azzopardi noe v Kummissarju tal-Artijiet et", deciza fil-11 ta' Novembru 2011, fis-sens li gej:

***""17.*** *Huwa minnu li ma hux eskluż li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-inattivita` tal-persuna li l-art tagħha ġiet esproprijata tittieħed in konsiderazzjoni biex wieħed jara jekk dik il-persuna kellhiex mezz xieraq ta' rimedju sabiex il-Qorti tiddeċiedi jkunx desiderabbli li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha. Di fatti, kif anki rilevat mill-appellant Kummissarju tal-Artijiet fir-rikors tiegħu tal-appell, din il-Qorti, fir-rigward ta' lment ta' ksur tad-dritt ta' aċċess għall-Qorti, kienet iddeklinat milli ssib ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni proprju għar-raguni li min kien qiegħed jilmenta ma kienx utilizza r-rimedju ordinarju li jistitwixxi proċeduri ċivili li bihom jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummssarju tal-Artijiet ikun irid jaġixxi biex ikompli l-proċedura tal-esproprjazzjoni. Iżda f'każ bħal dak tal-llum fejn l-awtorita` pubblika kompetenti naqset milli taġixxi bid-diligenza opportuna għal żmien tant twil billi l-ewwel ħadet tmintax-il sena biex toħroġ l-Avviz għall-Ftehim u imbagħad ħadet mhux anqas minn tnax-il sena oħra sabiex ipproċediet quddiem il-Bord kompetenti, ma jkunx ġust li l-awtorita` pubblika tiġi ppremjata għall-ineffiċjenza u ibernazzjoni tagħha billi din il-Qorti tiddeklina mill-eżerċizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, u anzi jsir impellenti li din il-Qorti tasserixxi dik il-ġurisdizzjoni sabiex issir ġustizzja mal-persuna privata mill-proprjeta` tagħha għal żmien tant twil mingħajr kumpens.*

***"18.*** *Inoltre, din il-Qorti ma tistax ma tieħux konjizzjoni ta' dak li rriteniet il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ reċenti ta'* ***Vassallo v. Malta*** *u ċioe`:*

*"""…owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities' fulfilment of their legal obligation (see, mutatis mutandis, Apostol v. Georgia, no. 40765/02, §§ 64-65, ECHR 2006-XI, in relation to enforcement proceedings).* ***Moreover, the mere fact that the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence."***

***"19.*** *B'danakollu, li kieku r-rikorrent appellant aġixxa skont l-Artikolu 1078(b) x'aktarx li l-Kummissarju kien jipproċedi quddiem il-Bord xi żmien qabel l-2004 u b'hekk d-dewmien totali tal-proċeduri tal-espropriazzjoni kien x'aktarx jonqos u għalhekk dan ser jittieħed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tiġi biex tiddetermina r-rimedju opportun jekk hekk ikun il-każ.*"

"Dan kollu premess jghodd *mutatis mutandis* ghall-fatti ta' din il-kawza.

"Fil-fehma tal-Qorti, il-gvern, f'dan il-kaz, irid jakkwista b'titolu ta' xiri assolut il-proprjeta' kollha tar-rikorrenti fuq is-sit in kwistjoni (il-fond 1, Triq Alfons Maria Galea, Birzebbuga, u l-gnien li kien anness mieghu), u fi zmien qasir jibda l-proceduri mehtiega ta' esproprju halli jiffinalizza l-kaz mar-rikorrenti u jhallas il-kumpens opportun.

"Fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-intimati relatati mal-interess tal-Avukat Generali, l-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma' l-kawza, u dwar l-applikazzjoni o meno tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-kaz, din il-Qorti terga' tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz imsemmi ta' "Azzopardi noe v Kummissarju tal-Artijiet et", fejn gie deciz li l-Avukat Generali ghandu interess f'kawzi simili, li ghalkemm esproprjazzjoni li ssir taht il-Kap. 88 ma tistax tivvjola l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tista', kif qed jigi deciz, tivvjola l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll annessa mal-Konvenzjoni Ewropea, li l-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni japplika ghal dawn il-proceduri amministrattivi marbuta mat-tehid ta' proprjeta', u li, fic-cirkostanzi, ma jkunx gust li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-funzjoni gudizzjarja taghha fil-kaz. Bhala motivazzjoni ghal dawn il-konkluzjonijiet, din il-Qorti tirreferi ghal dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza msemmija. Din il-Qorti zzid li, ladarba gie deciz li l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, imwaqqaf fl-imsemmi Kap. 88, la kien jaghti garanzija ta' tribunal indipendenti u imparzjali (ara "Frendo Randon et v Kummissarju tal-Art et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju 2009), u lanqas illum wara l-emendi introdotti fil-ligi fl-2009, ma jaghti din il-garanzija (ara "B. Tagliaferro & Sons Ltd. v Kummissarju tal-Art et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013), ma jistax jinghad li r-rikorrenti kellhom rimedju alternattiv u adegwat.

"Fil-kuntest tal-ilment marbut mal-fatt li r-rikorrenti jahtu ghad-dewmien peress li naqsu li jipproducu dokumenti in sostenn tat-titolu li jippretendu li ghandhom fuq l-art in kwistjoni, din il-Qorti tirribadixxi li hu dmir tal-Kummissarju li jiehu hu dawk il-proceduri opportuni biex jassigura li l-kaz jimxi bid-debita celerita'. Fil-fatt, kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz "Frendo Randon et v Kummissarju tal-Art et", deciza fl-4 ta' Frar 2000,

""... ... *jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*"

"Ghal dan id-dewmien ghandu jwiegeb ghad-danni l-istess Kummissarju tal-Art. Jigi puntwalizzat li bil-prezenti mhux qed jinghata kumpens ghall-esproprju, izda qed jinghata kumpens ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Ghalhekk, hu zgur li ma ghandux jinghata kumpens li jirraprezenta l-valur tal-immobbli in kwistjoni.

"Il-kumpens li ser jinghata ser jigi likwidat mill-Qorti "arbitrio boni viri" u f'dan ir-rigward ser tinghata konsiderazzjoni lid-dewmien da parti tar-rikorrenti li jiehdu l-proceduri opportuni, u lill-valur tal-immobbli, kemm ghadda zmien minn meta ttiehed il-fond u ma nghata ebda kumpens xieraq, it-telf ta' tgawdija tal-fond fl-istess perjodu, il-lokalita' fejn kien jinsab il-fond, l-istat tal-istess fond u r-raguni ghalfejn ittiehed il-fond. Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-kumpens ghandu jigi likwidat fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000).

"Din il-Qorti tara, fic-cirkostanzi tal-kaz, li ghandha tordna lill-intimat Kummissarju tal-Art sabiex, fi zmien erba' xhur mil-lum, jara li jibda l-proceduri halli jiehu f'idejh b'titolu ta' xiri assolut l-art kollha li ghandhom ir-rikorrenti fis-sit in kwistjoni (qabel okkupata mid-dar numru 1, fi Triq Alfonso Mario Galea, Birzebbuga, u l-gnien li kien hemm fiz-zewgt ignub taghha) u sabiex jithallas il-kumpens dovut. Dan qed jigi ordnat peress li, kif intwera l-art in kwistjoni hija kollha kemm hi fil-pussess tal-gvern u saret gnien pubbliku, u giet hekk konvertita bil-hsieb li hekk tibqa'. Bid-dokumenti esebiti u l-provi, din il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw it-titolu u l-interess taghhom fuq l-art in kwistjoni."

**<u>L-Appell</u>**

**5.** Dan hu bbazat fuq tliet aggravji: [1] li l-intimat Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri; [2] li f'dan il-kaz ma tirrizultax il-lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti; [3] li lanqas tezisti lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; [4] li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti mhuwiex wiehed gust.

*L-ewwel aggravju*

**6.** Dan hu fis-sens li f'dan il-kaz b'applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 l-Avukat Generali mhuwiex legittimu kontradittur, u r-rapprezentanza tal-Gvern f'dan il-kaz hija vestita fil-Kummissarju tal-Artijiet biss, tenut kont li l-meritu ta' dawn il-proceduri jirrigwardja l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici [Kap. 88] li taqa' taht ir-responsabbilita` tal-Kummissarju tal-Artijiet. Inoltre minn imkien fir-rikors promotur ma jirrizulta li kienet qed tigi attakkata l-kostituzzjonalita` ta' xi dispozizzjoni tal-Ordinanza.

**7.** Din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jistipula b'mod espress min ghandu jirrapprezenta l-Gvern f'azzjonijiet gudizzjarji. Is-subinciz wiehed jghid li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-materja, filwaqt li jiddentifika min ghandu jirrapprezenta l-Gvern f'certu materji espressament imsemmijin fl-istess subinciz. Imbaghad is-subinciz tnejn jghid li "(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-

atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.”

**8.** Mill-premess jirrizulta car li f’dan il-kaz l-Avukat Generali intimat m’ghandux legittimazzjoni passiva skont il-ligi, u ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala fondat, u dan l-intimat kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

*It-tieni aggravju*

**9.** Dan hu fis-sens li, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li r-rikorrenti garrbu lezjoni tad-dritt taghhom sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**10.** Huma jghidu li l-esproprju sar fl-interess pubbliku u skont il-provvedimenti tal-ligi, u l-interferenza tal-Istat fuq id-dritt ta’ proprjeta` tar-rikorrenti ma kinitx tali li tghabbihom b’piz eccessiv u sproporzjonat. Il-Gvern kien akkwista l-proprjeta` *de quo* bhala parti mir-riforma socjali li kienet qed issir f’dak il-perjodu, u f’kazijiet bhal dawn l-Istat ghandu margini wiesa’ ta’ apprezzament.

**11.** Id-dewmien li jilmentaw minnu r-rikorrenti kien dovut ghan-nuqqas da parti taghhom li jfornu lid-dipartiment bl-informazzjoni mehtiega sabiex jigi pprovat it-titolu taghhom bhala sidien, u dan minkejja d-diversi talbiet maghmula mill-Kummissarju intimat ghal dan il-ghan. Kienet din ir-rezistenza da parti tar-rikorrenti li wasslithom ghas-sitwazzjoni li qeghdin fiha llum, u li kieku saret tali prova l-Kummissarju intimat kien ikun fil-pozizzjoni li joffri l-kumpens.

**12.** Inoltre, dejjem skont l-intimati, l-allegazzjoni tal-lezjoni meritu ta' dan l-aggravju kellha ssir wara li jigi stabbilit il-kumpens.

**13.** Rigward l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti lill-Kummissarju intimat sabiex dan jesproprija l-proprjeta` b'titolu ta' xiri assolut, minflok dak ta' pussess u uzu, l-appellanti jsostnu li t-titolu li bih akkwista l-proprjeta` l-Gvern huwa wiehed legittimu *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Ordinanza, u huwa fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju li jaghzel b'liema titolu ser isir l-akkwist. Huwa biss fit-tielet proviso tal-artikolu precitat li din id-diskrezzjoni tinsab cirkoskritta fil-kazijiet fejn l-Gvern jakkwista l-art fuq rikjesta ta' terzi li jkunu qeghdin isofru pregudizzju jekk l-esproprijazzjoni ma ssirx. Ghal kuntrarju fil-kaz odjern l-esproprju ma sarx sabiex issir xi utilita` pubblika ghall-beneficcju principali ta' xi terz partikolari, izda sar fl-interess pubbliku, u cioe` sabiex isir gnien

pubbliku. F'dawn ic-cirkostanzi l-Gvern ma kienx obbligat li jakkwista b' titolu ta' xiri assolut, u l-ghazla tal-modalita` tal-akkwist taqa' fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

**14.** Fl-ewwel lok, huwa opportun li jigi sottolineat li, il-fatt provat li l-akkwist *de quo* sar bhala parti mir-riforma socjali li l-appellanti jghid kien qed jaghmel il-Gvern f'dak iz-zmien, ma jezonerax lill-Kummissarju intimat mill-obbligu tieghu li jagixxi b'diligenza u bi speditezza ragjonevoli billi jezegwixxi fi zmien ragjonevoli l-proceduri li jwasslu ghall-komputazzjoni u hlas tal-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti. Kien jinkombi fuq l-intimat Kummissarju li la darba ttiehdet minnu bicca art forzozament huwa kellu diligentement u minghajr tnikkir jiehu dawk il-proceduri necessarji sabiex jassigura li r-rikorrenti jigu kumpensati ghat-tehid tal-art taghom.[1]

**15.** Inoltre, l-ezistenza tal-interess pubbliku ma jezonerax lill-Kummissarju mill-obbligu tieghu li jassigura li, bil-hlas fi zmien ragjonevoli tal-kumpens gust, jinzamm dak il-bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-godiment pacifiku tal-proprjeta` taghhom skont l-artikolu

[1] Ara wkoll Q Kost, 743/2000- **Peter Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et**, deciz 11 Novembru 2011 – para.16, citat ukoll mill-ewwel Qorti.

konvenzjonali fuq citat. Ghax l-principju tal-proporzjonalita` huwa inherenti fl-istruttura kollha tal-Konvenzjoni,[2] u ghalhekk l-agir tal-Kummissarju f'dan il-kaz ghandu jigi ezaminat ukoll minn din l-ottika, billi jigi kkunsidrat jekk it-tehid tal-proprjeta` taghhom fis-sena 1973 minghajr ma ghadhom lanqas bdew il-proceduri ghall-komputazzjoni tal-kumpens dovut lilhom, jitfax fuqhom piz eccessiv u sproporzjonat.

**16.** Din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti hi tal-fehema li tenut kont tal-ghexieren ta' snin li ghaddew mid-data tal-ispossessament da parti tal-Kummissarju tal-art *de quo* minghajr dan lanqas ghadu ta bidu ghall-proceduri sabiex ir-rikorrenti jigu kumpensati ghal-privazzjoni mill-proprjeta` taghhom, fil-fatt jitfa' fuq ir-rikorrenti piz eccessiv u sproporzjonat fis-sens tal-Konvenzjoni.

**17.** Kif ritenut minn din il-Qroti diversament presjeduta fil-kawza Q.Kos **Pawlu Cachia v. Avukat Generali,** deciza fit-28 Dicembru 2001:

> "Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b' kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex ........ il-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens."

[2] ECHR **Broniowski v. Poland** [GC] 22 Gunju 2004, u ECHR **Saliba v. Malta**, 22 Novembru 2011

**18.** Ukoll gie affermat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li:

> *"Not only must an intereference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State.... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden"* [**Hutten Czapyuska v. Poland** – para.166 – 19 Gunju 2006]

**19.** Rigward is-sottomissjoni tal-appellanti li ghad-dewmien kienu jahtu r-rikorrenti meta dawn naqsu milli jghaddu lill-Kummissarju l-informazzjoni mehtiega ghal prova tat-titolu taghhom ghall-art *de quo*, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti tghid, li, filwaqt li tali fattur ghandu lok fil-komputazzjoni tal-kumpens mhux pekunjarju dovut lir-rikorrenti ghal-lezjoni sofferta minnhom, izda min-naha l-ohra dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-obbligu fuq spjegat li ghandu l-Kummissarju sabiex, minkejja l-inerzja tar-rikorrenti fir-rigward, huwa jagixxi b'mod diligenti u spedit kif trid il-ligi fil-Kap. 88. Fil-fatt fl-Artikolu 10 ta' din il-ligi l-legislatur haseb ghal kaz fejn is-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti, billi ta lill-Kummissarju l-fakolta` li jinnomina kuraturi ghall-iskop tal-akkwist. Il-hsieb wara dan l-artikolu hu proprju intiz sabiex meta l-Gvern jiehu art tal-privat li tkun mehtiega fl-interess pubbliku, il-procedura li twassal ghall-komputazzjoni u hlas tal-kumpens issir minghajr dewmien. Ghaldaqstant huwa legalment insostenibbli l-argument tal-appellanti li d-

dewmien kien attribwibbli unikament lir-rikorrenti, u li l-Kummissarju ma pprocediex qabel ghax kien incert mit-titolu tar-rikorrenti ghall-fond *de quo*.

**20.** Daqstant huwa insostenibbli u b'mod l-aktar manifest l-argument tal-appellanti li l-allegazzjoni tal-lezjoni meritu ta' dan l-aggravju kellha ssir wara li jigi stabbilit il-kumpens u mhux qabel. Dan l-argument jinjora dak li hu ovvju, u cioe` li l-oltragg li sofrew u qeghdin isofru r-rikorrenti jemani mill-fatt tad-dewmien esagerat, ta' circa erbghin (40) sena, li maghtulhom huma gew spossessati mill-fond taghhom, u ghalhekk privati mill-godiment pacifiku tal-possediment taghhom minghajr ma nghataw kumpens. Dan fih innifsu huwa bizzejjed sabiex jaghti lok ghal-lezjoni konvenzjonali in dizamina, liema lezjoni tkompli tigi perpetrata sakemm jithallas il-kumpens <u>gust</u> lir-rikorrenti.

**21.** Dwar il-lanjanza tal-appellanti li tirrigwarda l-modalita` tal-akkwist tal-fond tar-rikorrenti, dawn jishqu fuq il-fatt li l-ligi taghti diskrezzjoni lill-Kummissarju liema modalita` jaghzel sabiex jakkwista l-proprjeta` ta' terzi fl-interess pubbliku. Huma jghidu li l-ewwel Qorti ma kellhiex bhala rimedju tordna li t-tehid ma jibqax dak ta' pussess u uzu, imma jsir b'xiri assolut. Din il-Qorti tosserva li d-diskrezzjoni moghtija lill-Kummissarju fl-Artikolu 5 tal-Kap. 88 ma tezonerax mill-osservanza tal-principju tal-proporzjonalita`. Fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu l-Kummissarju ghandu jassigura li jintlahaq bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` u l-interessi tar-rikorrenti.

**22.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, l-Kap. 88 fl-artikolu 19 jaghti rimedju ordinarju lis-sid tal-fond fejn, bhal fil-kaz in dizamina, jkunu ghaddew aktar minn 10 snin mid-data tal-pussess tal-proprjeta' da parti tal-awtorita' kompetenti. Bis-sahha tal-artikolu precitat is-sid jista' japplika lill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet sabiex dan jordna li l-proprjeta' akkwistata b'titolu ta' pussess u uzu, tigi akkwistata b'xiri assolut jew b'dominju pubbliku, b'kumpens komputat skont l-istess Kap. 88, jew anke li l-proprjeta' tigi ritornata lilhom vakanti.

**23.** Issa, mill-atti ma jirrizultax li kienet saret tali talba, u ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li kienet giet demolita mill-Gvern kostruzzjoni delapidata fuq l-art *de quo* qabel, ma din giet konvertita fi gnien pubbliku, ir-rikorrenti xorta wahda ghad ghandhom dan ir-rimedju disponibbli ghalihom. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandha bhala rimedju tordna lill-Kummissarju kif dan ghandu juza d-diskrezzjoni tieghu li tispetta lilu bis-sahha tal-artikolu 5, salv dejjem kif fuq indikat l-obbligu tal-Kummissarju li fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu jaghti debita konsiderazzjoni ghall-principju tal-proporzjonalita'. F'dan is-sens dan l-aggravju huwa parzjalment fondat.

**24.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat limitatament ghal dak li jirrigwarda l-modalita’ tal-akkwist tal-fond mill-intimat, filwaqt li huwa infondat ghall-kumplament.

*It-tielet aggravju*

**25.** Dan huwa dirett lejn dik il-parti tad-decizjoni fejn l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba d-dewmien ta’ circa erbghin (40) sena ghall-konkluzjoni tal-procedura tal-esproprju.

**26.** L-appellanti jsostnu li dan id-dewmien kien dovut ghall-fatt li, kif fuq gja` indikat, is-sidien naqsu milli jipprovdu informazzjoni lill-Kummissarju dwar it-titolu taghhom ghall-proprjeta` inkwistjoni, u dan minkejja d-diversi ittri mibghuta lis-sidien. Madankollu l-Kummissarju ha l-passi mehtiega sabiex jinhareg l-avviz ghal ftehim. Isostnu li mhuwiex gust li r-rikorrenti baqghu ma fornewx tali titolu, baqghu jistennew li jghaddi z-zmien bil-hsieb li jsibu z-zmien propizzju sabiex imbaghad idawwru l-inerzja taghhom fuq l-intimat.

**27.** Fir-rigward ta’ dan l-aggravju din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal u taddotta l-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fil-konsiderazzjoni tat-

tieni aggravju sa fejn applikabbli, tosserva li ghal dan l-aggravju japplika dak li osservat din il-Qorti fil-kaz **Peter Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet**[3]**:**

> "..fil-każ Golder v. UK [ECHR deciz 21 Feruary 1985] il-Qorti Ewropea, wara li rrilevat li "the "contestation" (claim) generally exists prior to the legal proceedings and is a concept independent of them" irrilevat ukoll li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taż-żmien raġonevoli jista' jiskatta f'mument qabel tiġi adita l-Qorti jew Tribunal kompetenti hekk ukoll f'materja ċivili "the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute".[Ibid. para. 32; ara wkoll Konig v Germany para.98]

**28.** Fil-kaz **Deguara Caruana Gatto v. Malta**, deciza 9 Lulju 2013 il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni relevanti:

> *"Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropritation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see Akkus v Turkey, 9 July 1997 para.29…} The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see Aka v Turkey, 23 September 1988 para.49..]*

**29.** Ghalhekk, tenut li f'dan il-kaz ir-rikorrenti ilhom spussessati mill-proprjeta` taghhom mis-sena 1973, u tenut kont li sal-lum huma ghadhom ma hadu ebda kumpens, ghandha tirrizulta cara u manifesta l-lezjoni tal-Artikolu 6

[3] Supra

tal-Konvenzjoni fil-forma ta' dewmien mhux biss irragjonevoli izda eccessivament irragjonevoli.

*Ir-raba' aggravju*

**30.** Dan jirrigwardja r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti. L-appellanti jsostnu li dan ir-rimedju ma kienx wiehed gust, u semplici dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kienet tkun adegwata fic-cirkostanzi tal-kaz.

**31.** Rigward l-impozizzjoni ta' terminu fissat mill-ewwel Qorti ghall-akkwist da parti tal-Gvern tal-proprjeta` *de quo*, jghidu li tali rimedju ghall-fissazzjoni ta' terminu seta' intalab quddiem il-qrati civili ordinarji, izda dan ma sarx mir-rikorrenti, u, minflok adoperaw dan ir-rimedju ordinarju li kien disponibbli ghalihom, huma bdew il-proceduri kostituzzjonali odjerni wara hafna zmien.

**32.** Dwar dik il-parti tar-rimedju fejn l-ewwel Qorti ordnat li jsir esproprju b'xiri assolut, l-appellanti ghamlu referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghhom fir-rigward fit-tieni aggravju taghhom.

**33.** Finalment l-appellanti jilmentaw mill-*quantum* tal-kumpens non pekunjarju moghti mill-ewwel Qorti, u jishqu fuq l-inattivita` tas-sidien li kienet intiza biex jitkabbar l-ammont tal-kumpens eventwalment dovut. Huma jaghmlu referenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja fil-kazijiet **Saliba v. Malta** fejn il-kumpens non pekunjarju li nghata kien ta' tlett elef Euro (€3,000) u ta' **Bezzina Wettinger and others v. Malta** fejn il-kumpens non pekunjarju akkordat kien ta' sitt elef Euro (€6,000). Ghalhekk l-appellanti jsostnu li l-*quantum* tal-kumpens fissat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv u ghandu jitnaqqas.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

**34.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, f'kaz bhal dak in dizamina fejn ir-rikorrenti sofrew lezjoni konvenzjonali ghal circa erbghin (40) sena stante li ilhom dan iz-zmien kollu privati mill-godiment tal-proprjeta` taghhom minghajr ma nghataw ebda kumpens, ir-rimedju suggerit mill-intimat ta' semplici dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni, certament mhuwiex wiehed idoneju b'mod li jaghti *just satisfaction* ghall-oltragg subit minnhom. Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta tat ukoll rimedju f'somma ta' flus bhala danni mhux pekjunjarji.

**35.** Hawnhekk huwa rilevanti l-fatt li qabel ma nharget id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali fis-sena 1973, ir-rikorrenti kienu akkwistaw permess mill-Planning Area Permits Board f'Awwissu tas-sena 1966. Ghalhekk l-aspettattiva li dawn juzufruwixxu mill-proprjeta` taghhom billi jinvestu fiha kienet wahda reali u kbira. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan izid il-grad tal-lezjoni konvenzjonali in dizamina fil-konfront tar-rikorrenti li, mhux talli ttiehdilhom il-fond, imma konsegwentement gew privati mill-possibilita` reali li jizviluppaw bi qliegh il-proprjeta` taghhom, u dan apparti mill-fatt li huma ghadhom ma nghataw ebda kumpens.

**36.** Dwar l-impozizzjoni tat-terminu fissat mill-ewwel Qorti li fih il-Kummissarju ghandu jibda l-proceduri skont il-ligi ghall-komputazzjoni tal-kumpens dovut lir-rikorrenti, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet gja` maghmula rigward l-obbligu tad-diligenza da parti tal-Kummissarju li, wara li ha pussess tal-fond *de quo*, huwa kellu minghajr dewmien jibda l-proceduri sabiex ihallas il-kumpens ghall-fond mehud minnu. Jigi ribadit li l-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jibdew proceduri quddiem il-qrati civili ordinarji ghal dan il-ghan, ghalkemm ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-quantum tal-kumpens, ma jezonerax mill-imsemmi obbligu tal-Kummissarju li jagixxi b'diligenza u minghajr dewmien inutili.

**37.** Rigward l-ilment tal-appellanti dwar ir-rimedju specifiku ordnat mill-ewwel Qorti li l-Kummissarju intimat jiehu l-fond b'xiri assolut, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi dwar id-diskrezzjoni tal-Kummissarji emanenti mill-Artikolu 5 fuq citat, u tirribadixxi li fic-cirkostanzi tal-kaz dan ir-rimedju huwa floku ghax huwa gust u effettiv billi jassigura li l-lezjoni sofferta u li qeghdin isofru r-rikorrenti ma tkomplix tigi perpetrata ghal tul ulterjuri ta' zmien. Wara kollox il-fattur tal-prova tat-titolu tar-rikorrenti, li l-Kummissarju ressaq bla success bhala raguni ghad-dewmien da parti tieghu li jibda l-proceduri skont il-Kap. 88, illum hija sorvolata mill-provi li ngiebu f'dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti ma tarax il-Kummissarju ghandu jithalla jiddilunga izjed fl-obbligu tieghu li jipprocedi ghall-kumpens tal-rikorrenti, liema dilungar ikompli jippregudika lir-rikorrenti.

**38.** Rigward il-*quantum* tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minnhekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f'certi kazijiet kellha taghti kumpens f'ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija taghhom b'mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f'ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jimmilitaw kemm favur kif ukoll kontra r-rikorrenti u deherilha li il-kumpens xieraq li ghandha taghti f'dan il-kaz ikun fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000). Hija kkunsidrat id-dewmien da parti tar-rikorrenti li jiehdu l-

proceduri opportuni, il-valur tal-immobbli, iz-zmien tant twil li r-rikorrenti ilhom privati mill-godiment tal-proprjeta` taghhom minghajr ma nghata ebda kumpens, l-istat tal-fond u l-ezistenza tal-fattur tal-interess pubbliku. Ma' dawn ghandu jigi senjalat il-fatt li qabel l-ispossessament tal-proprjeta` taghhom ir-rikorrenti kellhom permess mill-Bord kompetenti sabiex jizviluppaw il-fond.

**39.** Kunsidrat il-premess din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tikkunsidrax li dan l-ammont huwa wiehed irragjonevoli, u ghalhekk m'hemmx lok li jigi disturbat il-gudizzju tal-ewwel Qorti fir-rigward.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi: tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet li l-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur u kkundannatu in solidum mal-intimat l-iehor ghall-hlas tal-kumpens, u minflok, tiddikjara li l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontraddittur f'din il-kawza u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tichad l-appell ghall-kumplament u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu a karigu tal-Kummissarju tal-Artijiet, hlief dawk relatati mal-prezenza tal-Avukat Generali fil-kawza li allura ghandhom jibqghu a karigu tar-rikorrenti; l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-partijiet inkwantu ghal tliet kwarti [$^{3}/_{4}$] mill-Kummissarju intimat u r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] ikun a karigu tar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------